

Emenda 20**Damien Carême**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**A9-0343/2023****Christian Ehler**

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament**Artikolu 13 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

4. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti fil-limiti ta' żmien applikabbli msemija f'dan l-Artikolu jirriżulta fil-passi intermedjarji speċifiċi li għandhom jitqiesu bħala approvati, ħliet meta l-proġett speċifiku jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE jew id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, 2011/92/UE jew id-Direttiva 2012/18/UE jew determinazzjoni ta' jekk tali valutazzjoni tal-impatt ambjentali hijiex meħtieġa ***u l-valutazzjonijiet rilevanti kkonċernati għadhom*** ma ***twettqux***, jew meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fis-sistema legali nazzjonali. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għad-deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-proċess, li għandhom ikunu espliċiti. Id-deċiżjonijiet għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

4. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' tweġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti fil-limiti ta' żmien applikabbli msemija f'dan l-Artikolu jirriżulta fil-passi intermedjarji speċifiċi li għandhom jitqiesu bħala approvati, ħliet meta l-proġett speċifiku jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE jew id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2009/147/KE, id-Direttiva 2010/75/UE, 2011/92/UE jew id-Direttiva 2012/18/UE jew determinazzjoni ta' jekk tali valutazzjoni tal-impatt ambjentali hijiex meħtieġa, ***għadha*** ma ***twettqitx***, jew meta l-prinċipju ta' approvazzjoni taċita amministrattiva ma jkunx jeżisti fis-sistema legali nazzjonali. ***Meta n-nuqqas ta' tweġiba tal-korpi amministrattivi rilevanti jseħħ ta' spiss, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi jkollhom riżorsi adegwati biex jirrispondu fil-limiti ta' żmien applikabbli għal talbiet futuri.*** Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għad-deċiżjonijiet finali dwar l-eżitu tal-proċess, li għandhom ikunu espliċiti. Id-deċiżjonijiet għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

15.11.2023

A9-0343/21

Emenda 21

Damien Carême

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A9-0343/2023

Christian Ehler

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament

Article 16 – paragraph 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għandha tinkiseb kapaċità annwali ta' injezzjoni ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' CO₂ sal-2030, f'siti tal-ħżin li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni **Ewropea**, iż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (**UNCLOS**) u li ma humiex ikkombinati ma' Rkupru Assistit tal-Idrokarburi (EHR).

Emenda

Għandha tinkiseb kapaċità annwali ta' injezzjoni ta' mill-inqas 50 miljun tunnellata ta' CO₂, **ddedikata esklużivament għall-emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi industrijali**, sal-2030, f'siti tal-ħżin, **jiġifieri siti ta' ħżin ġeoloġiku permessi skont id-Direttiva 2009/31/KE, inklużi siti tat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass eżawriti u akwiferi tal-ilma mielaħ**, li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, iż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħha jew fuq il-blata kontinentali tagħha skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u li ma humiex ikkombinati ma' Rkupru Assistit tal-Idrokarburi (EHR).

Or. en

15.11.2023

A9-0343/22

Emenda 22

Damien Carême

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A9-0343/2023

Christian Ehler

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) *il-proġetti* li jkunu għaddejjin għall-qbid *tas-CO₂* u stima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u ħżin;

(a) *immappjar tal-proġetti* li jkunu għaddejjin għall-qbid *tas-CO₂ fuq it-territorju tiegħu jew f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra* u stima tal-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet ta' injezzjoni u ħżin, *b'distinzzjoni ċara ta'dawk il-proġetti li qed jaqdbu emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi industrijali, u t-trasport tas-CO₂*;

Or. en

15.11.2023

A9-0343/23

Emenda 23

Damien Carême

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A9-0343/2023

Christian Ehler

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-miżuri ta' appoġġ nazzjonali li jistgħu jiġu adottati biex jiġu promossi proġetti msemmija fil-punti (a) u (b).

(c) il-miżuri ta' appoġġ nazzjonali li ***jkunu ġew adottati u l-miżuri li*** jistgħu jiġu adottati biex jiġu promossi proġetti msemmija fil-punti (a) u (b) ***għall-qbid, il-ħżin u t-trasport ta' emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi industrijali.***

Or. en

15.11.2023

A9-0343/24

Emenda 24

Damien Carême

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A9-0343/2023

Christian Ehler

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jiddeskrivu kif l-entità tiżgura li se jingħata aċċess prijoritarju lill-emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi industrijali;

Or. en

15.11.2023

A9-0343/25

Emenda 25

Damien Carême

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A9-0343/2023

Christian Ehler

Qafas ta' miżuri għat-tiġid tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Il-lista ta' setturi b'emissjonijiet inevitabbli tal-proċessi industrijali minn installazzjonijiet industrijali fuq skala kbira, li għalihom ma hemm disponibbli l-ebda għażla ta' tnaqqis dirett tal-emissjonijiet wara li jkunu ġew applikati l-aħjar tekniki disponibbli, li se jingħataw prijorità għall-proġetti ta' ħżin tas-CO₂ f'dan il-Kapitolu, abbażi ta' metodoloġija ċara li tqis l-evidenza xjentifika, l-ogħla livell ta' żvilupp attwali tat-teknoloġiji rilevanti, kif ukoll miżuri xierqa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet min-naħa tad-domanda. Il-lista għandha tiġi rieżaminata u aġġornata regolarment mill-inqas kull ħames snin biex jitqiesu l-iżviluppi xjentifiċi jew teknoloġiċi rilevanti.

Or. en

Emenda 26**Damien Carême**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**A9-0343/2023****Christian Ehler**

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament**Artikolu 19 – paragrafu 2 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(d) il-kontribut tal-offerta **għar-reżiljenza, filwaqt li jitqies il-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw minn sors uniku ta' provvista, kif iddeterminat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷², li minnu aktar minn 65 % tal-provvista għal dik it-teknoloġija speċifika b'emissjonijiet żero netti fl-Unjoni toriġina fl-aħħar sena li għaliha tkun disponibbli d-data meta ssir l-offerta.**

(d) il-kontribut tal-offerta **għal pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi tal-Unjoni u nazzjonali u inkluż ir-rispett tal-ftehimiet kollettivi u d-dritt tal-ħaddiema li jorganizzaw u jinnegożjaw b'mod kollettiv, inkluża, meta jkun rilevanti, l-offerta ta' apprendistati kif ukoll objettivi definiti sew f'termini ta' taħriġ ta' hiliel, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-hiliel, biex tiżdied l-attraenza tal-impjiegi f'setturi tal-industrija b'emissjonijiet żero netti.**

72 Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Or. en

Emenda 27**Damien Carême**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**A9-0343/2023****Christian Ehler**

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament**Premessa 13***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(13) L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju **għall-industrija** qed jiffaċċja falliment fil-koordinazzjoni. Minn naħa waħda, **minkejja** l-inċentiv dejjem akbar tal-prezzijiet tas-CO₂ ipprovdut mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, **sabiex l-industrija tinvesti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tagħmel** investimenti bħal dawn ekonomikament vijabbli, **hija tiffaċċja riskju sinifikanti** li ma **tkunx tista' taċċessa** sit ta' ħżin ġeoloġiku permess. Min-naħa l-oħra, l-investituri fl-ewwel siti tal-ħżin tas-CO₂ jiffaċċjaw kostijiet inizjali biex jidentifikawhom u jivvalutawhom anke qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għal permess għall-ħżin regolatorju. It-trasparenza dwar il-kapaċità potenzjali ta' ħżin tas-CO₂ f'termini tal-adegwatezza ġeoloġika taż-żoni rilevanti u d-data ġeoloġika eżistenti, b'mod partikolari mill-esplorazzjoni tas-siti ta' produzzjoni tal-idrokarburi, tista' tappoġġa lill-operaturi tas-suq biex jippjanaw l-investimenti tagħhom. L-Istat Membru jenħtieġ li jagħmel tali data disponibbli għall-pubbliku u jirrapporta regolarment f'perspettiva li tħares 'il quddiem dwar il-progress fl-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂ u l-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u ħżin hawn fuq,

(13) L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju **sostenibbli, sikuri u permanenti għal emissjonijiet ta' CO₂ inevitabli minn proċessi industrijali, li ma setgħux jiġu mitigati mod ieħor**, qed jiffaċċja falliment fil-koordinazzjoni. Minn naħa waħda, **filwaqt li dan l-aħħar** l-inċentiv dejjem akbar tal-prezzijiet tas-CO₂ ipprovdut mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet **jagħmel** investimenti bħal dawn ekonomikament vijabbli, **dawk l-industriji jistgħu jiffaċċjaw riskju** li ma **jkunux jistgħu jaċċessaw** sit ta' ħżin ġeoloġiku permess. Min-naħa l-oħra, l-investituri fl-ewwel siti tal-ħżin tas-CO₂ jiffaċċjaw kostijiet inizjali biex jidentifikawhom, **jiżviluppawhom** u jivvalutawhom anke qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għal permess għall-ħżin regolatorju. It-trasparenza dwar il-kapaċità potenzjali ta' ħżin tas-CO₂ f'termini tal-adegwatezza ġeoloġika taż-żoni rilevanti u d-data ġeoloġika eżistenti, b'mod partikolari mill-esplorazzjoni tas-siti ta' produzzjoni tal-idrokarburi, tista' tappoġġa lill-operaturi tas-suq biex jippjanaw l-investimenti tagħhom. L-Istat Membru jenħtieġ li jagħmel tali data disponibbli għall-pubbliku u jirrapporta regolarment f'perspettiva li tħares 'il quddiem dwar il-progress fl-iżvilupp ta' siti ta' ħżin tas-CO₂

sabiex *tintlaħaq* b' mod kollettiv *il-mira għall-Unjoni* kollha *għall-kapaċità tal-injezzjoni* tas-CO₂.

u l-ħtiġijiet korrispondenti għall-kapaċitajiet tal-injezzjoni u ħżin hawn fuq, sabiex *tiżdied* b' mod kollettiv *il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂ fl-Unjoni* kollha. *Fl-istess ħin, is-siti ta' kapaċità ta' injezzjoni tas-CO₂ iridu jikkonformaw mal-istandards ambjentali applikabbli u jiżguraw is-sikurezza tal-operazzjonijiet tagħhom, inklużi r-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2009/31/KE u l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852.*

Or. en

Emenda 28**Damien Carême**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**A9-0343/2023****Christian Ehler**

Qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161 – C9-0062/2023 – 2023/0081(COD))

Proposta għal regolament**Premessa 14***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(14) Ostaklu **ewlieni** għall-investimenti fil-qbid tal-karbonju **li illum qed isiru dejjem aktar ekonomikament vijabbli** huwa d-disponibbiltà tat-tħaddim ta' siti tal-ħżin tas-CO₂ fl-Ewropa, li jirfdu l-inċentivi mid-Direttiva 2003/87/KE. **Sabiex iżżid it-teknoloġija u tespandi l-kapaċitajiet ta' manifattura ewlenin tagħha**, l-UE jeħtieġ li tiżviluppa **provvista** li tħares 'il quddiem ta' siti ta' ħżin ġeoloġiku permanenti tas-CO₂ permessi f'konformità mad-Direttiva 2009/31/UE³⁶. Billi tiddefinixxi mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapaċità operazzjonali annwali tal-injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, f'konformità mal-kapaċitajiet mistennija meħtieġa fl-2030, is-setturi rilevanti jistgħu jikkordinaw l-investimenti tagħhom lejn katina tal-valur Ewropea tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂ b'Emissjonijiet Żero Netti li l-industriji jistgħu jużaw biex jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom. Dan l-użu inizjali se jappoġġa wkoll aktar ħżin tas-CO₂ f'perspettiva tal-2050. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-Unjoni jista' jkollha bżonn tiġbor sa 550 miljun tunnellata ta' CO₂ kull sena sal-2050 biex tilħaq l-oġettiv ta' emissjonijiet zero netti³⁷, inkluż għall-assorbimenti tal-karbonju. Tali kapaċità ta' ħżin fuq skala industrijali tal-ewwel **tip tagħha** se tneħħi r-riskju mill-investimenti fil-qbid tal-

(14) Ostaklu **potenzjali wieħed** għall-investimenti fil-qbid tal-karbonju huwa d-disponibbiltà tat-tħaddim ta' siti tal-ħżin tas-CO₂ fl-Ewropa, li jirfdu l-inċentivi mid-Direttiva 2003/87/KE. **Għalhekk**, l-UE jeħtieġ li tiżviluppa **valutazzjoni tal-adeqwatezza** li tħares 'il quddiem ta' siti ta' ħżin ġeoloġiku permanenti tas-CO₂ **fl-Unjoni. Din il-valutazzjoni tal-adeqwatezza jenħtieġ li tipprovi analiżi dettaljata tal-adeqwatezza ġeografika u dik temporali bejn is-siti ta' ħżin tas-CO₂ eżistenti u pplanati** permessi f'konformità mad-Direttiva 2009/31/UE³⁶ **u l-proġetti tal-qbid tas-CO₂ għal emissjonijiet industrijali residwi fl-Unjoni. Dan ikun jippermetti lis-setturi rilevanti jikkordinaw l-investimenti tagħhom lejn katina tal-valur Ewropea tat-trasport u tal-ħżin tas-CO₂ b'Emissjonijiet Żero Netti li l-industriji jistgħu jużaw biex jiddekarbonizzaw l-operazzjonijiet tagħhom. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-Unjoni jista' jkollha bżonn taħżen ġeoloġikament b'mod permanenti bejn madwar 80 u 298 tunnellata ta' CO₂ kull sena sal-2050 biex tilħaq l-oġettiv ta' emissjonijiet zero netti³⁷, inkluż għall-assorbimenti tal-karbonju.** Tali kapaċità ta' ħżin fuq skala industrijali tal-ewwel se tneħħi r-riskju mill-investimenti fil-qbid tal-emissjonijiet tas-CO₂ bħala għodda biex

emissjonijiet tas-CO₂ bħala għodda **importanti** biex tinkiseb in-newtralità klimatika. Meta dan ir-regolament jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE, **il-mira tal-Unjoni ta' 50 miljun tunnellata ta' kapacià operazzjonali annwali tal-injezzjoni ta' CO₂ sal-2030** se tiġi aġġustata kif xieraq.

³⁶ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

³⁷ Analiżi fil-fond b'appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018) 773 Pjaneta Nadifa għal kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima.

tinkiseb in-newtralità klimatika. Meta dan ir-regolament jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE, **il-valutazzjoni tal-adeqwatezza** se tiġi aġġustata kif xieraq.

³⁶ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

³⁷ Analiżi fil-fond b'appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2018) 773 Pjaneta Nadifa għal kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima.

Or. en